**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**
**V**

**CHARLES GAUCI**

**Illum, 3 ta' Gunju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLES GAUCI** ta' sebgha w tletin sena, bin missier mhux maghruf u Teresa Gauci nee Gauci, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1963 u joqghod "Black Pearl", Plot 17, Triq Indri Micallef, Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 608663M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn ta' Lulju, 2001 f'xi hin bejn t-tmienja ta' filghaxija w d-disgha ta' filghaxija, f'Hal Luqa, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car;

1. kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe ta' martu Alexandra Gauci ;
2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Alexandra Gauci skond kif ccertifika Doctor A. Fenech tal-isptar San Luqa;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal martu Alexandra Gauci w kkagunalha feriti hfief skond ma ccertifika Doctor Anthony Gatt tal-isptar San Luqa;
4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;
5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen w indicenti fil-pubbliku liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;
6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-kliem insulenta u hedded lil martu Alexandra Gauci.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta nhar t-tnax ta' Novembru, 2001 a fol 51 tal-atti odjerni.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif fuq riferita.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Novembru, 2001 a fol 51 tal-atti, jirrizulta li l-imputat jinsab akkuzat talli fl-ewwel lok ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Alexandra Gauci jew talli kkagunalha alternattivament feriti ta' natura hafifa, u fit-tieni lok talli kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, talli qal kliem oxxen u offenda d-Decenza pubblika u talli hedded jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li nhar t-tnejn ta' Lulju, 2001 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Luqa, kienU rcivew telefonata li allegatament kien sehh argument bejn il-konjugi Gauci gewwa r-residenza matrimonjali taghhom f'Hal Luqa.  Bhala rizultat ta'dan l-argument Alexandra Gauci, li tigi mart l-imputat odjern, sofriet xi griehi.

Fuq dan r-rapport l-Ufficjal Prosekutur baghat ghall-imputat odjern u tah l-ispjiegazzjoni tieghu ta' kif fil-fehma tieghu sehh l-incident.

L-Ufficjal Prosekutur allega li l-imputat qallu li dakinhar imsemmi fil-komparixxa huwa kellu xi jghid mal-mara ghaliex ma taghtux access ghal binthom minuri.  Huwa beda jargumenta ma martu u baqa jsegwi lil martu fil-kamra tas-sodda fejn fl-ahhar wara li kienet ghamlet zmien toffendih, sploda, u waqt li martu kienet fuq s-sodda, ghollija bis-sodda b'kollox u qalibha ghal isfel.  Huwa qal li ma kellux oggezzjoni li martu titlaq 'l barra mid-dar purche thalli lil bintu warajha d-dar. Dak il-hin martu Alexandra Gauci harget fil-gallarija u bdiet tghajjat ghall-ghajjut stante li ohtha Carmen Camilleri toqghod

ma gembhom.  Huwa kkonferma li beda jaghti bil-ponn lil martu w ipprova jqanqalha minn mal-art.

Illi ghalhekk bhala fatt ma hemmx dubbju li kien l-imputat li laqat lil Alexandra Gauci.  Id-Difiza sostniet pero li stante c-cirkostanzi tal-kaz, tezisti d-difiza kif kontemplata fl-artikolu 227(c) tal-Kap 9 u cioe li l-imputat ghamel dak li ghamel minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb li jikkaguna hsara gravi jew hafifa fuqha, izda r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghal ***sentenza moghtija minnha stess nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju, 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfredo Briffa**.

L-imputat qed jikkontenti li l-Qorti ghandha tapplika l-paragrafu C tal-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali qabel ma gew introdotti l-emendi l-godda permezz tal-Att numru 111 tas-sena 2002 filwaqt li huwa kien taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja

jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha huwa ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikolu 230(b) tal-Kap 9 u rat ghalhekk li l-iskuzanti msemmija fl-artikolu 227(c) fil-kazijiet ta' omicidju voluntarju japplika wkoll ghal kazijiet ta' offizi fuq il-persuna, kawzati b'mod voluntarju.

L-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

> "*Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha.*"

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:

"*Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni istantanja kienet qed tigi originarjament proposta biex ssir difisa fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:

"*The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot*

*recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni istantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper*. U appuntu ghalhekk illi llum hemm l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata inkapaci li tifforma l-hsieb jekk jesistu certi cirkostanzi.

L-ewwel lok l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali u ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie ***deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982***, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

<u>Fit-tielet lok</u> fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr dik ic-cirkostanza kontemplata fl-artikolu 227(a) cioe il-kaz meta persuna tkun pprovokata permezz ta' ferita gravi u piena teccedi sena prigunerija.

Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Settembru, 2000*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Abela**, dik il-Qorti sostniet li:

> *"Dan l-istat mentali tal-akkuzat jista jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament ghal provokazzjoni, u jinghad 'jista' ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni bhal per ezempju fil-kaz ta' infanticidju (l-artikolu 258A)."*

Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:

> "*Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew ecitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 jghid:

> "*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

<u>Fir-raba lok</u>, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju sine qua non li l-qtil jew l-offizi saru immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-

vittma.  Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:

> "*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that.  The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal :

> "*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a*

*sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija recentement fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Cachia** ***deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-sbatax ta' Frar, 1999*** fejn dik il-Qorti cahdet din l-linja difensjonali ghaliex hasbet li ma kien hemm xejn fl-istqarrija tal-akkuzat li mqar minimament tindika li waqt li kien qed jaghti lil terzi, kien mitluf b'tali mod li ma kienx kapaci jirrealizza l-konsegwenzi ta' ghemilu u proprju dan huwa l-kaz in ezami ghaliex ma hemm xejn li jindika l-agitazzjoni tal-mohh tal-imputat, u ghaldaqstant din il-linja difensjonali qed tigi michuda.

Illi ghalhekk il-Qorti issa trid tara jekk dak li ghamel l-imputat u cioe li kkaguna ferita fuq martu Alexandra Gauci hux skuzabbli taht din il-linja difensjonali ai termini tal-arltikolu 227(c), imressqa mill-Avukat Difensur.

Din il-Qorti hi f'posizzjoni vantaggjuza hdejn qrati ohra ghaliex tkun ghexet il-process kollu mill-bidu nett u ghalhekk tista taghmel dak mitlub minnha skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 meta tigi biex tapprezza x-xhieda li l-istess imputat ta viva voce l-Qorti, kif wkoll dik li ta a tempo vergine tal-incident kif jirrizulta mill-istqarrija li l-istess imputat irrilaxxja nhar l-hamsa ta' Lulju, 2001 markata bhala dokument JA 4 esibita a fol 17 tal-atti.  Ghalhekk din il-Qorti tista tqis l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizi ohra tax-xhieda tieghu u jekk hiex imsahha bic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputat jirrizulta minnufih li huwa ghandu nkwiet matrimonjali mal-mara u nqala xi dizgwid minhabba l-access tat-tifla minuri komuni.

L-imputat jispjiega li dakinhar tal-incident huwa kellu jkollu access ghall-bintu minuri Crassida pero minflok li martu Alexandra taghtu dan l-access kif kien miftiehem, hija haditha maghha l-bahar u rritornatha lura d-dar ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija.

Dakinhar kienet cemplitlu l-mara u qaltlu li setgha jmur jigbor lit-tifla mill-bahar minghajr m'indikatlu minn fejn. Huwa qalilha sabiex takkumpanjha lejn l-garage tieghu fil-Mosta sabiex ma jitlifx mill-hin li hu ghandu access ghaliha maghha skond d-digriet tal-Qorti u cioe mill-erbgha sat-tmienja, darbtejn fil-gimgha. Dan nonostante martu baqghet tghum ma bintu u l-familjari taghha.

Illi meta filghaxija waslu d-dar inqala argument fis-sens li l-imputat beda jinsisti li l-gimgha ta' wara kellu jkollu access ghal bintu tlett darbiet flok darbtejn. Martu wegbitu hazin b'mod oxxen u kompliet toffendih u tghajjru.

Illi proprju dak il-hin qabad s-sodda bil-konsegwenza li qaleb lil martu u lil bintu mal-art. Martu harget tghajjat ghall-ghajjut fil-gallarija peress li kellha ohtha tghix ma gembhom, sabiex b'hekk iccempel lil Pulizija.

Dak il-hin, l-imputat jghid li 'intilef' u beda jaghtiha bil-ponn kif gie gie, refaghha minn mal-art u reggha tefghaha mal-art. Fil-pront hareg Gejtu Camilleri, li jigi zewg ohtha, u staqsih x'kien qed

jaghmel. L-imputat minnufih waqaf ghaliex induna x'kien qed jaghmel. Meta l-imputat gie mistoqsi, waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija, x'qal lil martu bl-ezatt, huwa wiegeb li ma jiftakarx ghaliex kien 'mitluf'.

Meta **l-imputat xehed il-Qorti viva voce nhar d-disgha ta' Mejju, 2002,** huwa spjiega f'aktar dettal l-problema li ghandu biex jghaddi hin liberu mat-tifla wahdu. Spjiega kif martu allegatament kienet ikkommettiet adulterju f'zewg okkazzjonijiet u kif kellu jibqa jghix taht l-istess saqaf dan nonostante. Spjiega kif bintu kienet imwerwra minn ommha u li kif tahrab minn hdejh meta tisma lil ommha gejja. Spjiega li huwa jara lil bintu biss bis-serqa ghalkemm ghandu digriet ghaliex meta l-imghallem jzommu xoghol, martu ma kienetx tkompli mieghu, fis-sens li tagevolah b'access fi granet ohra.

Meta spjiega l-incident per se, huwa qal li ghalih bintu kienet kollox. Spjiega kif kien mimli u li ma felahx aktar u ghalhekk f'dik d-dghadija li kellu ma beda jara xejn aktar.

**Carmen Camilleri** li tigi oht il-mara tal-imputat, **xehdet nhar l-ewwel ta' Ottubru, 2001 w kkonfermat** li l-imputat beda jaghti lil martu bl-addocc, kif gie gie.

**Gaetano Camilleri wkoll iddeskriva l-agir tal-imputat** meta qal li l-imputat beda jaghtiha bl-addocc, pero kkonferma li waqaf meta waqfu.

**Il-vittma Alexandra Gauci spjiegat** fix-xhieda taghha li dakinhar tal-incident verament kienet gurnata li kellu access l-imputat ghal bintu pero hija kienet sejra l-bahar u dehrilha li ma kellix ittellifha nofs ta' nhar bahar u tibghatha ma missierha fil-garage. Hija qalet li skond d-digriet tal-Qorti il-granet tal-access ma kienux indikati u ghalhekk ma kienetx marbuta ma granet.

Hija ddeskriviet d-daqqiet li qalghet kif zewgha fajjrilha bil-ponn f'wiccha u kif ipprova jerfaghha minn mal-art.

Dwar il-griehi kagjonati il-Qorti kienet nnominat lil Plastic Surgeon Francis Darmanin sabiex jezamina l-griehi ta' Alexandra

Gauci. Huwa ddeskriva l-feriti li kellha bhala dawk ta' natura hafifa ghaliex l-ghadam li nkisru fl-imnieher kienu zghar u ghalhekk jghalqu fi zmien minn gimgha sa tlett gimghat u kumplikazzjonijiet ma kellhiex.

**Il-Qorti ghalhekk in vista ta' din x-xhieda tiddikjara li ma ssibx lil imputat CHARLES GAUCI hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alexandra Gauci u tilliberah minn din l-akkuza.**

**Tiddikjara pero li qed ssibu hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Alexandra Gauci ghalkemm din l-akkuza hija skuzabbli minhabba li saret waqt li l-imputat kien taht l-influwenza mmedjata t'agitazzjoni tal-mohh u minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu.**

**Tiddikjara li qed ssibu hati wkoll talli hedded lil martu u kiser il-paci pubblika b'ghajjat.**

**Tiddikjara li ma ssibux hati talli fil-pubbliku qal kliem oxxen u dagha u minn din il-kontravenzjoni qed tilliberah.**

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi kif citati fin-nota tal-Avukat Generali datata tnax ta' Novembru, 2001 esibita a fol 51 tal-atti odjerni.**

**Rat il-fedina penali tal-imputat u cioe li ghandu gia zewg convictions ta' serq moghtija fis-snin 1983 u 1989 u zewg convictions moghtija fl-1987 u 1991. Illi dan nonostante l-imputat ma tghallimx ghaliex reggha kiser dufrejh mal-ligi. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li minhabba u fl-interess tal-minuri u cioe sabiex ma ccahhdux mill-access taghha u cioe mill-*binding* li ghandu jkun hemm bejnu u bejn bintu minuri, qed takkorda piena komplessiva ghar-reati u kontravenzjonijiet li gie ddikjarat hati taghhom ta' xahar prigunerija, liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta' tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti semghet l-problemi finanzjarji tal-imputat u ghalhekk ma thossx li ghandha tinfliggi piena ta' multa.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat CHARLES GAUCI bl-applikazzjoni tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, taht ordni ta' probation u cioe taht s-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin sabiex bl-ghajnuna taghha l-imputat jitpogga fit-triq t-tajba u jintegra ruhu mas-socjeta b'mod civili, wara kollox huwa wkoll jaghmel parti minn din l-istess socjeta.**

**Il-Probation Officer Carmen Borg ghandha tirrelata lil din l-istess Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-istess imputat.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**